Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 1258/2010AE

**Paul Bugeja u martu Antonia sive Antoinette Bugeja**

**Vs**

**Alfred Schembri u Doris sive Maria Dolores Schembri kif ukoll il-kumpannija Fremy Investments Limited[1] ghal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2014 il-qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Doris Schembri u Roberta Schembri minhabba l-mewt tal-konvenut u b'digriet tad-19 ta' Gunju 2014 iddahhal fil-kawza Daniel Schembri bhala ko-werriet ta' Alfred Schembri**

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Dicembru 2010, l-atturi ppremettew u talbu:-

*Illi l-intimati kienu kkostitwew ruhhom bhala debituri lejn ir-rikorrent kreditur u dana fis-somma ta' €180,290, gia' Lm77,377.75, u dana permezz ta' ftehim minnhom iffirmat datat 17 ta' Gunju 1999, hawn esebit u mmarkat Dok A;*

*Illi, minn dakinhar tal-ftehim, kienu saru diversi pagamenti, skond kif stipulat fil-kuntratt inniffsu, kif ukoll saru diversi pagamenti ohra permezz ta' business iehor illi l-partijiet kienu qed jaghmlu flimkien;*

*Illi, minkejja tali hlasijiet kif fuq spjegati, ghad fadal bilanc dovut lir-rikorrent fis-somma ta' €53,629.34, liema somma giet accettata bhala dovuta mit-tifel tal-istess intimati, illi kien qieghed jiehu hsieb il-business indikat fil-ftehim fuq imsemmija;*

*Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallsu il-bilanc dovut, l-intimati baqghu inadempjenti;*

*Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ai termini tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, stante illi l-intimati ma ghandhomx difiza xi jressqu kontra t-talbiet segwenti.*

Għaldaqstant l-atturi talbu:-

---

[1] L-atturi rrinunzjaw ghat-talba fil-konfront tas-socjeta konvenuta (ara dikjarazzjoni maghmula waqt is-seduta tal-1 ta' Frar 2011, fol. 18). Ghalhekk din is-socjeta m'ghadhiex parti fil-kawza.

*1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Koridic ta' Procedura u Organizazzjoni Civili;*

*2. Tiddikjara illi l-intimati Alfred u Doris sive Maria Dolores Schembri huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tlieta u hamsin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Euro, erbgha u tletin centezmu (€53,629.34), rapprezentanti l-bilanc ta' somma ferm akbar dovuta lir-rikorrent mill-intimati skond ftehim datat 17 ta' Gunju 1999;*

*3. Tikkundanna l-intimati Alfred u Doris sive Maria Dolores Schembri ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlieta u hamsin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Euro, erbgha u tletin centezmu (€53,629.34);*

*Bl-ispejjez u l-imghax mid-data tal-prezentata tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1781/10, ossija 17 ta' Novembru 2010 bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandati kollha relattivi, kontra l-intimati illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-17 ta' Frar 2011, il-konvenuti Alfred u Doris sive Maria Dolores Schembri wiegbu:-

*1. Illi in linea preliminari l-attur ma setghax jipproponi din l-istanza wahdu stante li l-ftehim in kwistjoni sar mieghu u martu bhala ko-kreditrici*[2]*;*

*2. Illi bla pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt tante li l-attur u martu kienu darbtejn ikkommettew ksur tal-klawsola 4 tal-iskrittura privata datata 17 ta' Gunju 1999 (esebita bhala Dok A mar-rikors guramentat) u b'hekk irrendew rwiehhom debituri tal-konvenuti tal-penali hemm stipulata ta' mitt lira (Lm100) ghal kull gurnata li fiha kompla l-ksur, liema penali korsa fil-fatt iggib fix-xejn il-kreditu pretiz;*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, l-attur irid jispjega kif f'din il-kawza qed jitlob €53,629.34 meta fl-ittra ufficjali tieghu datata 12 ta' Novembru 2010 kien talab biss €48,458.91;*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, l-attur donnu qed jinkludi fil-kreditu pretiz debitu dovut minn terz u mhux mill-konvenuti, liema debitu lanqas jifforma parti mill-ftehim in kwistjoni u sa fejn jafu l-eccipjenti, lanqas ma huwa dovut lill-attur;*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti. F'dan l-istadju tordna l-isfilz tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi[3] peress li ma jirrizultax li giet notifikata lid-difensur tal-konvenuti.

---

[2] Din l-eccezzjoni ma baqghetx valida wara li mart l-attur iddahhlet bhala parti fil-kawza (ara digriet a fol. 23).

[3] Prezentata fit-30 ta' Gunju 2015. Fil-fatt lanqas ma jirrizulta li thallset notifika ghalkemm fl-ahhar parti tan-nota jinghad: *"Notifika: Av. Albert Libreri, Il-Qorti, Valletta"* u m'hemm xejn fuq l-istess nota li juri li kopja taghha nghatat lid-difensuri tal-konvenuti.

1. L-atturi talbu lill-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' tlieta u hamsin elf sitt mija u disa' u ghoxrin ewro u erba' u tletin centezmu (€53,629.34), bilanc minn somma akbar skond kuntratt tas-17 ta' Gunju 1999 (fol. 5). B'dak il-kuntratt Alfred u Doris konjugi Schembri obbligaw ruhhom li jhallsu lill-atturi s-somma ta':-

   ***"(Lm77,377.75) as at the twenty eight February 1999 (28/2/99), representing the overall agreed balance still outstanding on loans received by him from the creditor over the past years"***.

   Hlas li kellu jsir minn 40% mid-dhul minn *amusement machines* ta' Vanguard[4] li kienu jinzammu fi stabbilimenti tal-atturi, Paul Bugeja Limited u Alan Bugeja (u l-atturi).

2. Il-konvenuti jippretendu li l-atturi huma responsabbli ghall-penali li tissemma fi klawzola numru 4 tal-kuntratt, u li taqra:-

   *"(1) The Creditor, the company and Alan Bugeja hereby undertake in favour of the Debtor, who accepts, that in the next eighty-four (84) months starting from first (1st) March 1999 the Creditor and/or the company or any other company in which the Creditor and/or the company may invest in and Alan Bugeja shall not allow any coin and token operated machines except those belonging to the Debtor or Vanguard to be operated from Caesar's Complex, Victoria Bar, Bonkers Bar and Southern Fried Style (ex Pizza Hut)"*.

   Fin-nuqqas obbligaw ruhhom li jhallsu s-somma ta' Lm100 ghal kull gurnata (klawzola 4[5]).

   Il-konvenuti qalu li kien hemm zewg kazijiet fejn instabu *amusement machines* bi ksur tal-klawzola numru 4[5]. F'dan ir-rigward gew prezentati zewg ittri:-

   i. 12 ta' Frar 2001 (fol. 84) u ffirmata minn Daniel Schembri ghan-nom ta' Vanguard Billiard Tables Ltd[6], fejn jinghad li saru jafu li kien hemm

[4] Fil-kuntratt jinghad li din il-parti tikkonsisti minn *"Vanguard Investments Limited, M. Vending Limited and Fremy Investments Limited and Vaguard Services Limited as duly authorised. There also appears Daniel Schembri (Identity Card number 59869M) for and on behalf of Vanguard Billiard Tables Limited, all the above companies hereinafter referred to as Vanguard"*.

[5] Alfred Schembri kien iddikjara li kien hemm zewg okkazzjonijiet meta l-atturi kissru l-obbligazzjoni li assumew fi klawzola 4 tal-kuntratt billi *"….. ppermettew lil terzi joperaw fil-hanut Southern Fried Style magni ta' l-istess tip bhal dawk imsemmija fil-klawzola 4(1) u mhux eskluzi taht il-klawzola 4(3). Dan l-agir gara fis-sena 2001 u fis-sena 2003. Fl-ewwel okkazzjoni l-ksur dam sejjer diversi xhur u fit-tieni okkazzjoni diversi gimghat"* (fol. 21).

magna ta' haddiehor fil-fond qabel maghruf bhala Southern Fried Style. L-ittra ndirizzata lil Alan Bugeja u ntalab jirregolarizza l-posizzjoni.

ii. 28 ta' Mejju 2003 (fol. 85) iffirmata wkoll minn Daniel Schembri ghan-nom ta' Vanguard Billiard Tables Ltd, fejn jinghad li saru jafu li kien hemm magna ta' haddiehor fl-istess fond. L-ittra wkoll indirizzata lil Alan Bugeja.

Wara dawn l-ittri ma jirrizultax li Vanguard Billiard Tables Ltd hadet xi passi kontra l-atturi jew xi hadd mill-persuni li jissemmew fl-iskrittura tas-17 ta' Gunju 1999.

Fl-affidavit Daniel Schembri qal li kienu qeghdin jippretendu hlas ta' **€49,615** bhala penali. Fir-rigward tal-ewwel kaz riedu hlas ta' €43,093, somma kalkolata fuq 185 gurnata, filwaqt li ghat-tieni kaz riedu hlas ta' €6,522 (fol. 119).

3. Jirrizulta li fl-istabbilimenti li jissemmew fl-iskrittura, Alfred Schembri kien jibaghat lil Alfred Azzopardi sabiex jigbor il-flus mill-*amusement machines* tal-Vanguard. Azzopardi xehed[7] li kien hadem ukoll mal-kumpannija Vanguard Billiard Tables Limited. Spjega li kien hemm okkazzjoni **wahda** meta Daniel Schembri baghatu jiccekja hemmx magni ta' terzi gewwa Caesar Complex u meta mar Alan Bugeja wrieh wahda li kienet fl-istore u qallu li kienet ta' impjegat tieghu maghruf bhala l-Buxu. M'hemmx prova li l-magna kienet armata f'post li jintuza mill-klijenti. Fil-fatt ix-xhud kompla jghid:-

   *"Ghand is-sur Bugeja* ***din kienet l-unika darba li jien rajt magna ta' terzi fl-istabbiliment tas-sur Bugeja*** *u rajtha ghax kien baghatni Daniel Schembri….."* (fol. 110).

   Ix-xhud xehed *viva voce*. F'dak li qal kien konsistenti u fl-ebda hin ma wera xi dubju u wisq inqas ma deher li qieghed izomm ma' xi parti jew ohra. Ghall-qorti m'hemmx cirkostanzi li jwassluha biex tiskarta l-verzjoni li ta Azzopardi u tqiesu bhala xhud ndipendenti mill-kontendenti. Din il-verzjoni tikkontrasta ghal kollox ma' dak li xehed Daniel Schembri li qal li l-magna, li kienet ta' *"certu Godwin Bugeja maghruf bhala l-Buxu"*, *"rajtha fl-operat"* (fol. 90).

4. Dwar magni li l-konvenuti jghidu li nstabu fl-istabbilimenti *Southern Fried Style*, hawn ukoll il-qorti hi tal-fehma li l-konvenuti m'ghandhomx ragun meta tqies:-

---

[6] Vanguard Billiard Tables Limited kienet parti ghal dak il-kuntratt u l-klawzola numru 4 tapplika wkoll fir-rigward taghha.

[7] Seduta tal-21 ta' Marzu 2014.

i. Mill-provi rrizulta li fit-3 ta' Frar 2000 Alan Bugeja Holdings kriet dan il-fond lil certu George Galea[8] u l-fond baqa' mikri;

ii. Matul is-snin l-atturi baqghu regolarment jircievu l-hlas tal-pagamenti mill-introjtu tal-*amusement machines* biex jinqata' d-dejn. Sahansitra mir-rendikont a fol. 32 jirrizulta li fit-22 ta' Marzu 2001 ingabru flus minn magni li kien f'dan il-fond u li sa dak iz-zmien kien inghata l-isem ta' Rastas (ara fol. 36);

iii. M'hemmx provi dokumentarji li juru li matul is-snin il-konvenuti qatt ippretendew hlas ta' penali fit-termini ta' klawzola 4. Fuq bazi ta' probabilita' din il-materja kienet tigi trattata fiz-zmien opportun u mhux wara li l-atturi talbu ghall-hlas. Dan meqjus ukoll ic-cifra konsiderevoli li Daniel Schembri qal li hi dovuta bhala penali (fol. 119-120). Klawzola 5 tal-kuntratt tipprovdi: *"All the parties to this agreement agree that if a penalty becomes owed to the Debtor as consequence of a breach committed according to the previous clause, such penalty shall without the need of any legal procedures,* ***be automatically set off*** *against the outstanding balance due by the Debtor to the Creditor in terms of this agreement"* (fol. 8). Fir-rendikont m'hemm xejn minn dan.

iv. Il-logika tghidlek li kien fl-interess tal-atturi li jizguraw li fl-istabbilimenti jkun hemm magni ta' Vanguard peress li skond il-ftehim il-kreditu li kellhom fil-konfront tal-konjugi Schembri kien qieghed jithallas minn hemm. Dan apparti li l-atturi u/jew kumpanniji taghhom kellhom jircievu 60% ohra mir-rikavat tal-magni[9]. Ghalhekk mhux verosimili li kienu ser jippermettu li l-inkwilin idahhal fil-fond magni ta' haddiehor jew li jippermettu li magni ta' mpjegat taghhom jiddahhal fl-istess fond.

v. Meta xehed fis-16 ta' Mejju 2012 Daniel Schembri qal li fit-tieni kaz kienu nstabu zewg magni u *"Mir-records tieghi wahda mill-magni ghamlet xi hames gimghat u l-ohra ghamlet xi xhur, xi seba' xhur"* u *"It-tieni darba* ***ghamilna hafna diskussjonijiet*** *sakemm ftehemna li l-magni ghandhom jitnehhew"* (fol. 77). Dikjarazzjoni li ma taqbilx ma dak li xehed fl-affidavit li fit-tieni kaz: *".... regghet tfaccat magna ohra fl-istess hanut, meta dan il-hanut kien qed joperah jew jmexxieh certu Simon Borg Bartolo. Din il-magna tnehhiet wara xi hames gimghat...."* (fol. 117). Sahansitra meta rega' xehed fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012 qal li dwar it-tieni kaz Alan Bugeja kien strumentali sabiex il-problema ***"ssolviet f'qasir zmien"*** (fol. 90).

vi. Alan Bugeja xehed li kien hu stess li gharraf lil Daniel Schembri li l-persuna li kienet qeghda tmexxi negozju minn gewwa l-fond fuq imsemmi kienet dahlet magni ta' haddiehor u talbu jibaghatlu ittra biex ikollu x'juri lill-inkwilin. Verzjoni li l-qorti tqies li hi verosimili meta tikkunsidra dak li xehed Alfred Azzopardi. Dak ix-xhud ghamilha cara li

[8] Ara skrittura ta' lokazzjoni datata 3 ta' Frar 2000 a fol. 30.

[9] *"6. The proceeds of the machines which are the subject of this agreement will be divided as to 50% in favour of Vanguard and 60% in favour of the Bugeja's and/or their companies"* (fol. 8).

l-uniku post fejn kien sab magna ta' terzi kienet gewwa Caesar Complex, u dan kien fl-istore.

vii. Fl-affidavit Daniel Schembri qal li kien Alfred Azzopardi li f'zewg okkazzjonijiet gibidlu l-attenzjoni li kien sab magni ta' terzi. Verzjoni li ma taqbilx ma' dik li ta Azzopardi (fol. 118).

5. Meqjus dak li nghad hawn fuq il-qorti hi tal-fehma li m'hemmx bazi ghall-pretensjoni tal-penali da parti tal-konvenuti. Ghall-qorti l-verzjoni li ta Alan Bugeja hi iktar kredibbli min dik li ta Daniel Schembri.

6. L-azzjoni tal-atturi hi bazata fuq il-kuntratt iffirmat fis-17 ta' Gunju 1999. Ma jissemmiex negozju iehor. Mal-affidavit l-attur ipprezenta rendikont Dok. PB2 (fol. 32) u qal:-

   *"Il-bilanc dovut lili u li qed nitlob f'din il-kawza kkonfermah bhala dovut l-istess Daniel Schembri, bin il-konvenut, u dan abbazi ta' statement mahrug minnu stess u li qieghed jigi anness mal-prezenti bhala Dok PB2"* (fol. 29).

   Daniel Schembri xehed li r-rendikont a fol. 32 sar minnu u Alan Bugeja u li *"... kien f'Marzu 2008, kif jirrizulta minn dan id-dokument li hemm fol. 32, li Bugeja ha l-ahhar hlas mid-dhul tal-kaxxi"* (fol. 76).

   Fl-ahhar parti tar-rendikont hemm *entries* li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' rikavat mill-*amusement machines*[10]. Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-partijiet kienu ftehemu li dawk l-ammonti kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-konteggi tal-bilanc li kien ghadu pendenti lill-atturi skond, kreditu dovut skond l-iskrittura tas-17 ta' Gunju 1999. Hekk biss il-qorti tifhem il-presenza ta' dawk l-ammonti fir-rendikont, iktar u iktar meta Daniel Schembri qal li r-rendikont sar minnu u Alan Bugeja. Daniel Schembri jaqbel li l-ammonti li jissemmew fid-data tas-26 ta' Novembru 2009 kellhom jitnaqqsu mill-bilanc dovut lill-atturi (fol. 117[11]). Mhux l-istess fir-rigward tal-entries tad-19 ta' Ottubru 2010 fir-rigward ta' liema qal:-*"Dawn huma biss gabra ta' affarijiet, kontijiet u bilanci,* ***li kien hemm ghad-diskussjoni biss, ghas-skop biss ta' dak il-meeting li kellna dakinhar meta ltqajt ma' Paul Bugeja****"*. Il-probabilita' hi li jekk kienet ghad trid issir diskussjoni dwarhom Daniel Schembri ma kienx ser jinkludihom fir-rendikont a fol. 32. Dan apparti li ma jaghmilx sens li ftehemu dwar l-entries tas-26 ta' Novembru 2009 li jitnaqqsu mill-bilanc dovut lill-atturi, li wkoll kienu jirrelataw dwar in-negozju tal-kumpannija DnA, izda ma ftehemux dwar l-entries tad-19 ta' Ottubru 2010 li jirrelataw ghall-istess negozju. Dan mhux kredibbli. Il-qorti tikkonkludi li Daniel Schembri qal hekk

[10] Perjodu mis-26 ta' Novembru 2009 sad-19 ta' Ottubru 2010.
[11] Affidavit ta' Daniel Schembri.

ghaliex hekk jaqbillu peress li fl-entries tad-19 ta' Ottubru 2010 hemm *credits* favur Bugeja.

Fic-cirkostanzi l-ammont li hu dovut lill-atturi hu ta' **tmienja u erbghin elf erba' mija u tmienja u hamsin ewro u wiehed u disghajn centezmu (€48,458.91)**, li wara kollox kienet ukoll is-somma li l-atturi nterpellaw lill-konvenuti jhallsu permezz tal-ittra ufficjali prezentata fit-12 ta' Novembru 2010 (fol. 73).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad it-tieni u raba' eccezzjoni u fir-rigward tat-tielet eccezzjoni u t-talbiet tal-atturi:-**

1. **Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' tmienja u erbghin elf erba' mija u tmienja u hamsin ewro u wiehed u disghajn centezmu (€48,458.91).**
2. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmienja u erbghin elf erba' mija u tmienja u hamsin ewro u wiehed u disghajn centezmu (€48,458.91), bl-imghax kif mitlub.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 90% a karigu tal-konvenuti u 10% a karigu tal-atturi peress li l-atturi kienu qeghdin jippretendu ammont ikbar.**

Anthony Ellul.